# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 403/2013**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Oglive Grima**

iben Anthony, imwieled Pieta', fis-26 ta' Marzu, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 207891(M)

Illum 26 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Oglive Grima quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

> Nhar il-21 ta' April 2012, minn gewwa l-Kalkara, ikkommetta serq ta' telefon cellulari, propjeta' ta' Rodrick Briffa u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi il-232.94 Ewro izda ma jeccedix l-2,329 Ewro kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa.
>
> Fil-21 ta' April 2012 gewwa dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe telefon cellulari tad-ditta Nokia, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxih, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi il-232.94 Ewro izda ma jeccedix l-2329 Ewro, kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa.

Nhar is-16 ta' April 2012, minn gewwa Bormla, ikkommetta serq ta' telefon cellulari, propjeta ta' Alexandra Calleja u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa.

Fis-16 ta' April 2012 gewwa dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe telefon cellulari tad-ditta Nokia li l-valur tieghu ma jeccedix il-232.94 Ewro, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghu jew imexxih, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D datata 23 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

U finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Settembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 334(a), 279(a), 17, 31, 49, 50, 28A sa H u 289 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat hati tat-tieni(2), tar-raba'(4), tal-hames(5) u tas-sitt(6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu tlettax(13)-il xahar prigunerija. Il-Qorti inoltre ordnat li l-perijodu ta' sittax(16)-il xahar prigunerija sospizi li gie kkundannat permezz tas-sentenza tat-23 ta' April 2008 jigu fis-sehh b'effett millum sabiex b'hekk l-imputat ghandu jiskonta perijodu kumplessiv ta disgha u ghoxrin xahar(29) prigunerija. In vista tal-fatt li l-ewwel(1) u t-tielet(3) imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghat-tieni(2) u r-raba'(4) mputazzjoni li taghhom l-imputat instab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant Oglive Grima tal-4 ta' Ottubru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Settembru 2013 fejn dik il-Qorti ma sabitux hati tal-

ewwel u t-tielet akkuza u tvarja, thassar u tirrevoka is-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellant mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Settembru 2013 billi tilliberah minn kull akkuza u piena fil-konfront tal-akkuzi kollha miguba kontrih. Bla pregudizzju ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija, f'kaz li din il-Qorti issib xi htija fl-esponenti, hija mitluba taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi l-Ewwel Onor. Qorti messha ma sabitux hati fir-rigward tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u subordinatament messha akkordat piena aktar ewka ghac-cirkostanzi tal-kaz.
>
> Il-fatti tal-kaz kienu s-segwenti. Si tratta ta' zewg serqiet ta' telephones cellulari li sehhew fis-16 ta' April 2012 u fil-21 to' April 2012.
>
> Ghar-rigward tas-serqa tas-16 ta' April 2012 sar rapport minn Alexandra Calleja, li waqt li kienet bil-minibus wieqaf tistenna barra l-vann u bit-tfal fil-vann ghadda guvni u hadilha l-mobile phone tal-ghamla Nokia mudell 7020A kulur griz li kien jiswa €134.98 u li kien gewwa l-minibus u mbaghad telaq jigri. Xi jiem wara certu Leon Schiavone, tifel ta' tlettax-il sena kien qalilha li l-mobile taghha kien ghandu u li kien xtrah gurnata qabel ghal €20 minghand Oglive Grima. Alexandra Calleja, Leon Schiavone u ommu marru l-Ghassa jaghmlu rapport. Leon Schiavone xehed ukoll quddiem l-Onor. tal- Magistrati fil-11 ta' Mejju 2012 fejn spjega li f'gurnata f'April 2012 waqt li kien il-Kalkara kien xtara mobile phone minghand l-appellant bi prezz ta' €20. Meta beda juza dan il-Mobile Leon Schiavone induna li l-memory card fil-mobile kien fih ritratti ta' tifel li kien jafu l-iskola. Tkellem mieghu u dan qallu li kien insteraq il-mobile ta' ommu. Leon Schiavone gharaf lill-appellant bhala l-persuna li kien bieghlu l-mobile phone.
>
> Dwar is-serqa tal-21 ta' April 2012 Roderick Briffa kien spjega li fl-imsemmija data ghall-habta tal-4:00pm sab li l-mobile tal-marka Nokia 97 u li jiswa €365 nieqes. Briffa spjega li kien halla l-vann miftuh u kien diehel u hiereg mill-garaxx tieghu. Maverick Zammit spjega li aktar kmieni fis-sena 2012 l-appellant kien avvicinah barra d-dar tieghu l-Kalkara u kien bieghlu mobile phone li kien simili ghal dak fir-ritratti a fol 31 et sequitur. In-negozju sar billi huwa jaghtih il-mobile tieghu u jzidu €26 u jghaddilu c-charger aktar tard. L-ghada huwa biegh dan il-

mobile lil Darren Abela. Il-Pulizija eventwalment sabu li Darren Abela kien qed juza dan il-mobile phone liema persuna nfurmahom li kien xtara l-mobile phone minghand Meverick Zammit.

**<u>Ragunament tal-Qorti</u>**

L-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet is-segwenti ragunament.

Illi f'dawn il-proceduri ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-Ligi li l-imputat kien fil-pussess taz-zewg mobile phones in dizamina ftit taz-zmien biss wara li dawn insterqu u li huwa mbaghad bieghhom lil terzi persuni li lkoll identifikawh bhala l-persuna li kien bieghilhom il-mobile phones. L-imputat ma ta' ebda spjegazzjoni accettabbli jew verosimili 'il ghala dawn il-mobile phones li kienu ghadhom kemm insterqu kienu fil-pussess tieghu. F'dan il-kaz irid ghalhekk jigi determinat jekk l-indizju wahdu tal-pussess huwiex bizzejjed sabiex jillegittima l-konkluzjoni ta' reita' fuq imputazzjoni ta' serq jew ricettazzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tal-11 ta' Marzu 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija vs Melchior Spiteri" fejn inghad is-segwenti dwar it-teorija tar-recent possession.

Illi fuq id-dottrina fuq "recent possession" jezistu diversi sentenzi ta' din il-Qorti u sejra ssir riterenza ghal sentenza minnha moghtija kif presjeduta fit-3 ta' Ottubru, 1985 in re: Il-Pulizija kontra Anthony Gatt. F'dik is-sentenza kif ukoll anke f'ohrajn gie rilevat illi skont gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, ghad li huwa indubitat illi l-pussess tal-haga misruqa huwa indizju ferm qawwi ta' reat ta' serq jew ta' ricettazzjoni, irid ikun hemm elementi ohra ta' prova li b'xi mod isahhu l-prova li tigi minn dak l-indizzju.

Imbaghad meta l-oggett misruq huwa haga li tghaddi facilment minn id ghal ohra, il-pussess irid ikun ukoll recenti u aktar ma l-oggett ikun tali li jghaddi malajr minn id ghal ohra, aktar il-pussess biex ikun indizzju ta' serq, ghandu jkun recenti b'mod illi certu perjodu jista' jkun ricenti ghal certu xorta ta' oggetti u mhux recenti ghal xorta ohra ta' oggetti aktar facilment zmercjabbli. (ara ukoll sentenza ta' din il-Oorti: Il-Pulizija vs C Costa VOL. XXXII pt4 pag 723).

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li qalet l-istess Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-26 ta' Awwissu 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija vs Emanuel Seisun et" fejn intqal is-segwenti:-

Fil-fehma ta' din il-Qorti din it-teorija mhi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ippruvati, fis-sens li meta jigu

ppruvati certi fatti dawn jistghu wahedhom iwasslu ragonevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-rear ta' serq ta' l-oggetti misjuba ghandha jew, skont ic-cirkostanzi, tar-rear ta’ ricettazzjoni ta’ dawk l-oggetti. Hu risaput li in tema ta' law of evidence kemm-il darba ma jkunx hemm xi dispozizzjoni kuntrarja fil-Kodici taghna, il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza, u ma hemm certament xejn x’wiehed jiccensura fil-fatt li l-Ewwel Qorti ccitat gurisprudenza u awturi Inglizi. Din il-Qorti ukoll ser tikkwota mill-ahjar edizzjoni ta' Archbold peress li hi tal-fehma li l-bran li gej jittratta bl-aktar mod konciz u precis il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija:

There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The "rule" (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be also directed: see R. vs Loughlin, 35 Cr. App. R. 69; R. vs Seymour, 38 Cr. App. R. 68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.

In R. v Smythe, 72. Cr. App. R. 8. CA., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence,5h ed., p.49 (now 8th ed P35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them the jury are satisfied in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonesty handling goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.

Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority

of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence" (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);

U aktar 'il quddiern jinghad:

What constitutes "recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case ... In R V Smythe ... Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgment said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence" (para 21-320).

Fil-kaz in dizamina l-Qorti jidrilha li l-fatt li gie pruvat li fil-granet immedjatament wara li nsterqu l-oggetti misruqa kienu fil-pussess tal-imputat u huwa ma ta l-ebda spjegazzjoni l-ghala dawn kienu fil-pussess tieghu kif ukoll il-fatt li n-natura tal-oggetti misruqa hija ta' oggetti facilment smercjabbli l-Qorti jidrilha li l-indizju tal-pussess jista' jwassalha sabiex tasal ghar-reita' tal-imputat odjern ghal ricetazzjoni izda mhux ghal serq.

Dwar dan ir-ragunament l-appellanti jaqbel in termini legali izda ma jaqbilx fir-rigward ta' kif l-Ewwel Onor. Qorti applikat dan ir-ragunament ghall-kaz quddiemha.

Si tratta tal-insenjament fir-rigward tal-hekk imsejjah recent possession. L-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet ir-riferenzi kollha necessarji u dwar dan ma hemm xejn xi tghid. Izda, il-fatt wahdu li l-appellant jinghad kellu fil-pussess tieghu il-mobile phones huwa bizzejjed li jaghmlu hati talli laqa’ oggetti misruqa. Hawnhekk hemm elementi xi ftit perikoluzi (legalment) fir-rigward tal-konluzzjonijiet tal-Qorti. Ma kien hemm ebda PROVA li l-mobile phones kienu fil-pussess tieghu. L-unika haga li hemm huma l-allegazzjonijiet ta' terzi li xtraw dawn il-mobiles minghandu. Dan ghandu jkun bizzejjed li jwassal ghal htija? L-esponenti umilment jissottometti li ma huwiex bizzejjed. Dan ma jikkostitwix hearsay. Il-punt tal-hearsay huwa proprju wiehed  ma tistax temmen dak li jinghad min xi hadd fuq haddiehor.

Dwar it-tieni sett ta' fatti fir-rigward il-tieni mobile phone, sabiex tinstab htija fl-appellant inridu nemmnu lil Zammit li xtara dan il-mobile minghand l-appellant. Dan huwa bizzejjed? L-istess naturalment jinghad fir-rigward tal-ewwel mobile.

Ulterjorment irid jinghad ukoll li l-Ewwel Onor. Qorti kkonkludiet biss htija fir-rigward ta' ricettazzjoni - izda ebda htija fir-rigward ta' serq. L-esponent jikkontendi li hawn jidher li kien hemm element ta' dubju f'mohh l-Onor. Gudikant u li dan id-dubju kellu jimmilita favur l-appellanti fir-rigward tal-akkuzi kollha.

Ghalhekk fl-umli fehma tal-esponenti dawn il-fatturi kif fuq riferiti (trapass ta' zmien - hearsay evidence) ghandhom ikunu tali li jigi dikjarat li ma saritx il-prova fil-grad rikjest skont il-ligi (beyond a reasonable doubt) li l-appellanti kien hati ta'  dak iddebitat lilu.

Subortinatament ai finijiet ta' piena l-Ewwel Onor. Qorti ma kkunsidratx il-fatt li si tratta ta' valur proprju zghir. Fl-umli ta opinjoni tal-esponenti, l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija wahda harxa eccessiva u sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi partikolari li jiccirkondaw il-fatti tal-kaz odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tas-6 ta' Jannar, 2014.

Illi l-appellant tressaq quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti akkużat kemm b'serq ikkwalifikat bil-valur kif ukoll fuq riċettazzjoni ta' żewġ mobile phones fis-16 u l-21 ta' April 2012 propjeta' ta' Alexandra Calleja u Rodrick Briffa rispettivament;

Illi inoltre fl-istess dati, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża datata 23 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel kif ukoll talli irrenda ruhu reċidiv wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Illi nhar is-27 ta' Settembru 2013 l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati ta' riċettazzjoni u kkundannatu għal tlettax (13) –il xahar priġunerija kif ukoll ordnat li l-perjodu ta' sittax (16) –il xahar priġunerija li kienu sospiżi jiġu effettivi mid-data tas-sentenza odjerna.

Illi skont l-appellant l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'illi l-Ewwel Qorti messha ma sabitux ħati fir-rigward tal-akkużi kollha miġjuba kontrih u subordinatament messha akkordat piena aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi dan l-appell prinċipalment si tratta l-insenjament fir-rigward tal-hekk imsejjaħ recent possession. Għalkemm l-appellant qabel in termini legali mar-raġunament u r-referenzi kollha neċessarji mressqa mill-Ewwel Qorti ma qabilx fir-rigward ta' kif l-Ewwel Qorti applikat dan ir-raġunament għall-każ odjern għax skont l-istess appellant ma kien hemm ebda prova lil-mobile phones kienu fil-pussess tal-appellant għax l-unika ħaġa li hemm huma l-allegazzjonijiet ta' **terzi** li xtraw dawn il-mobiles mingħandu u skont l-appellant dan m'għandux iwassal għal ħtija għax m'huwiex biżżejjed għax dan jikkostitwixxi hearsay u l-punt tal-hearsay huwa propju wieħed li ma tistax temmen dak li jingħad minn xi ħadd fuq ħaddieħor.

Illi b'kull dovut rispett lejn l-appellant jingħad li dawn it-**terzi** li xtraw il-mobile phones de quo mingħand l-appellant it-tnejn li huma xehdu[1] quddiem l-Ewwel Qorti fejn spjegaw dak li **esperjenzaw huma stess** u ma xehdux fuq xi ħaġa li semgħu minn xi terzi persuni. Illi għas-saħħa tal-argument li kieku qalu li xtraw il-mobile phones mingħand terzi u li dawn ta' l-aħħar qalulhom li huma kienu xtrawhom mingħand l-appellant hemmhekk iva jikkosistwixxi hearsay. Fil-każ odjern ġjaladarba dawn it-terzi xtraw il-mobile phones **direttament** mingħand l-appellant ix-xhieda tagħhom qatt ma tista' tikkostitwixxi hearsay. Hekk noqgħodu fuq dan ir-raġunament ma jibqgħax lok għal ebda xhieda fil-Qrati għax kull min jixhed ħa jgħid dak li jaf u x'għadda minnu u bilfors li ħa jingħad xi ħaġa fuq ħaddieħor!

Illi f'dan ir-rigward l-appellant jkompli jisħaq li sabiex tinstab ħtija fih inridu nemmnu lil dawn ix-xiehda. F'dan l-istadju l-esponent jagħmel referenza għat-tielet taqsima tal-Kodiċi Kriminali li tirrigwarda ix-xhieda fejn *interalia* tipprovdi li fuq **il-kredibilita'** tax-xhud, dina titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti[2], inoltre u f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel **prova sħiħa** u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar.[3] Issa fil-każ odjern għandha żewġ xhieda prinċipali li ġew emmnuti mill-Ewwel Qorti fejn saħansitra l-istess Qorti ikkonfermat "illi f'dawn il-proċeduri ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-imputat kien fil-pussess taż-żewġ mobile phones in diżamina ftit taż-

[1] Ix-xiehda ta' Leon Schivone u Maverick Zammit jinsabu a fol 36-41 u 57-62 rispettivament

[2] Vide l-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

[3] Vide l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

żmien biss wara li dawn insterqu u li huwa mbagħad biegħhom lil terzi persuni li lkoll identifikawh bħala l-persuna li kien biegħilhom il-mobile phones. L-imputat ma ta ebda spjegazzjoni aċċettabbli jew verosimili l-għala dawn kienu għadhom kemm insterqu u kienu fil-pussess tiegħu." B'hekk skattat t-teorija tar-*recent possession* hekk kif ġiet spjegata rigorozament mill-Ewwel Qorti u li l-abbli kollega nnifsu qabel mal-prinċipji legali tagħha.

Illi l-esponent ma jistgħax jifhem l-argument imqajjem mill-appellant li ġjaladarba l-Qorti kkonkludiet biss ħtija fir-rigward ta' riċettazzjoni iżda ebda ħtija fir-rigward tas-serq skont l-appellant dan juri li kien hemm element ta' dubju f'moħħ l-Qorti u li dan jimmilita favur l-appellant fir-rigward tal-akkużi kollha. Illi f'dan is-sens l-esponent jagħmel referenza għal-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Seisun et** (l-Ewwel Qorti għamlet referenza tagħha wkoll) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-26 ta' Awissu 1998 qalet li din it-teorija tar-*recent possession* mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużżjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha **jew**, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat tar-riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti. Kif ġie sueċċipit m'hemmx dubju li l-appellant kien fil-pussess tal-mobile phones in diżamina meta dawn kienu għadhom kif insterqu u inoltre ma tax raġuni plawsibbli u raġonevoli kif dawn spiċċaw għandu meta biegħhom. Għal dawn ir-raġunijiet l-esponent jidhirlu illi l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha setgħet liberament u legalment tasal għall-konklużjoni illi waslet għaliha.

Illi għal dak li jirrigwardja l-piena, konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern, ma hemmx dubju illi l-piena errogata mill-Ewwel Qorti qiegħda fil-parametri tal-Liġi u hekk kif dejjem ġie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti l-prinċipju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk jirriżulta illi l-piena tkun fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi setgħet kienet mod ieħor u għalhekk l-esponent jemmen li timmerita li tkun konfermata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment ewlieni imqanqal mill-appellant huwa dirett lejn l-applikazzjoni tad-dottrina tal-hekk imsejha "recent possession" ghal fattispecje ta' dan il-kaz li wassal lill-Ewwel Qorti issibu hati tar-reat ta' ricettazzjoni. Jishaq l-appellant illi bil-fatt wahdu illi x-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni jikkontendu illi akkwistaw iz-zewg cellulari misruqa minn ghandu ma jwasslax awtomatikament ghall-applikazzjoni tad-dottrina surriferita, iktar u iktar ghaliex ic-cellulari misruqa ma gewx misjuba fil-pussess tieghu.

Issa 'l hekk imsejha dottrina tal-pussess recenti ta' oggetti misruqa giet zviluppata mill-gurisprudenza mal-medda taz-zmien mhux ghaliex imnissla minn xi disposizzjoni tal-ligi, izda semplicement billi l-awtorita' gudikanti hija diretta tapplika l-buon sens ghal fattispecje tal-kaz – fattispecje li juru pussess fil-gudikabbli tar-*res furtiva* ftit taz-zmien wara li tkun sehhet is-serqa. Illi fil-fehma tal-Qorti, jitnisslu tlett elementi essenzjali li iridu jigu ppruvati sabiex din it-tejorija tista' twassal ghar-reita':

1. Irid jigi ippruvat il-pussess fil-persuna tal-akkuzat.
2. Irid jigi ippruvat illi l-oggett insteraq fiz-zmien li ippreceda dak il-pussess.
3. In-nuqqas ta' spjegazzjoni, jew spjegazzjoni mhux kredibbli, minn naha tal-persuna akkuzata ta' dak il-pussess.

Illi allura mhuwiex daqstant il-pussess tal-oggett misruq li jwassal ghar-reita', izda l-fatt illi l-oggett ikun insteraq ftit taz-zmien qabel dak il-pussess hekk stabbilit. Din ghandha titqies minn min hu msejjah biex jiggudika bhala prova cirkostanzjali jew indizzjarja li imbaghad tigi imsahha bin-nuqqas ta' prova mill-persuna akkuzata tal-mod kif dak il-pussess gie  minnu akkwistat.

> ***"Recent possession of goods proved to have been stolen is at most prima facie evidence that they have been illegally obtained, and is circumstantial evidence from which an adverse inference may be drawn in the absence of an explanation***

***which might reasonably be true. Recent possession standing by itself could not support a finding of guilt, because it is not inconsistent with innocence. It is the absence of an explanation which might reasonably be true that gives probative force to the circumstances of such recent possession ...[4]"***

Issa fir-rigward tal-prova tal-pussess tal-oggett misruq f'idejn il-gudikabbli, din trid tigi ippruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Meta dan jigi stabbilit u cioe' dan il-pussess tal-oggett msiruq ftit taz-zmien wara li tkun sehhet is-serqa, allura irid jittiehed kont tan-nuqqas ta' spjegazzjoni mill-akkuzat ghal dak il-pussess.

**Hu evidenti li meta oggetti misruq jinstabu, fi zmien qasir wara li jkun sar is-serq, fil-pussess ta' xi hadd, tapplika l-hekk imsejha doctrine of recent possession. "If the accused was found in possession of goods which had recently been stolen, <u>and if he offers no satisfactory explanation for this[5]</u>, the jury may be entitled to infer that he either stole those goods or received them. It is purely a question of fact and little more than a matter of common sense. No presumption of law is involved: the legal burden of proof remains on the prosecution as usual, and the accused's right to remain silent is unaffected" (Blackstone).'[6]**

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti jirriżulta illi nhar it-18 ta' April 2012 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, Alexandra Calleja irrappurtat gewwa l-għassa ta' Bormla illi jumejn qabel, ġuvni kien serqilha c-cellulari tagħha minn ġewwa l-minivan li kienet qed issuq. Dan ic-cellulari, li kien jiswa €134.98, kien thalla minnha fuq id-*dashboard* tal-istess vettura filwaqt li kienet qed tnizzel it-tfal minn gol-vann. Meta sar ir-rapport hija kienet akkumpanjata minn żewġ persuni oħra certu Leon Schiavone, minorenni, flimkien ma' ommu, li nforma lill-pulizija li l-*mobile* in kwistjoni kien gie fil-pussess tieghu meta

[4] Regina vs Hogg (CA 1958)

[5] Emfazi tal-Qorti.

[6] Il-Pulizija vs Carmel Debono deċiża Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri nhar l-1 ta' Novembru 1996.

xtrah minn ghand l-appellant. Hu spjega li l-appellant kien avviċinah dakinhar li c-cellulari kien insteraq għall-ħabta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar (5pm) ġewwa l-Kalkara u biegħlu dan ic-cellulari ghal prezz ta' €20. Kif Schiavone mar id-dar u pprova jħaddem il-*mobile* innota illi dan kien fih *memory card* li go fiha kien hemm mahzuna xi ritratti. F'dawn ir-ritratti kien jidher iben Calleja li hu kien jafu peress li kien jattendi l-istess skola mieghu.

Sussegwentement, fit-22 ta' April 2012 għall-ħabta tal-hdax ta' fil-ghodu (11am), kien daħal rapport ieħor ġewwa l-għassa ta' Ħaż-Żabbar fejn certu Roderick Briffa irraporta s-serq tac-cellulari tiegħu tal-għamla Nokia N97, lewn fidda bl-iswed, tal-valur ta' €365. Dan ic-cellulari insteraq mil-vettura tiegħu filwaqt illi kien ipparkjat ġewwa l-garaxx tiegħu ġewwa l-Kalkara fi Triq is-Salvatur, liema vettura kienet thalliet miftuħa minnu peress illi kien qed jgħabbi xi għodda ġo fiha. Wara li l-pulizija għamlu l-istħarriġ tagħhom mal-provdituri tas-servizz rriżulta illi dan ic-cellulari kien qed jintuża minn ċertu Darren Abela. Meta mitkellem dan stqarr li hu kien xtara dan ic-cellulari mingħand wieħed jismu Maverick minn Birkirkara li meta ġie mitkellem ukoll informa lill-pulizija illi da parti tiegħu kien xtara l-istess mingħand l-appellant ghall-preżż ta' €26.

Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija huwa ghazel li ma iwegibx ghal-mistoqsijiet magħmula lilu.

Ikkunsidrat:

Stabbiliti l-principji dottrinali u gurisprudenzjali u applikati ghal fattispecje tal-kaz huwa pacifiku illi meta l-appellant ġie arrestat u matul l-investigazzjonijiet magħmula mill-pulizija huwa ma nstabx fil-pussess fiziku tar-*res furtiva*. Madankollu mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, b'mod ewlieni dik ta' Leon Schiavone u Maverick Zammit gie stabbilit illi ftit tal-hin wara li sehhew dawn iz-zewg serqiet l-appellant biegħ jew partat dawn ic-ċellulari ma' dawn in-nies u dan ghal prezz irrizorju fiz-zewg cirkostanzi. Dan

il-fatt ippruvat lil hinn minn kull dubbju, u *del resto* lanqas ikkontestat mill-appellant, jipponta lejn direzzjoni wahda u cioe' illi huwa kien fil-pussess tar-*res furtiva* ftit tal-hin wara li sehh is-serq. Illi ma kien hemm l-ebda mottiv li seta' jwassal lill-Ewwel Qorti ma taghtix affidament lil verzjoni tal-fatti moghtija minn dawn iz-zewg xhieda illi baqghu konsistenti fil-verżjoni tagħhom tal-fatti, verżjoni li taw f'aktar minn okkazzjoni waħda. Mhux biss izda meta l-appellant biegh ic-cellulari misruqa lil dawn it-tnejn minn nies huwa gideb dwar il-provenjenza tal-istess meta stqarr maghhom li dawn kienu jappartjenu lilu u/jew lil ħuh. Maghdud ma' dan, huwa ghal kollox inverosimili illi tenut kont tal-fatt illi c-cellulari insterqu ftit siegħat qabel l-appellant iddispona minnhom, illi dawn setghu ġew fil-pussess tieghu b'mod leġittimu jew li hu ma kienx ghal ta'l-anqas issuspetta li kellhom provenjenza illegali. Abbinat ma' dawn il-fatti probatorji il-prova indizzjarja li ukoll tipponta lejn ir-reita' huwa il-prezz ferm baxx li Schiavone u Zammit jikkontendu li hallsu ghall-akkwist tac-cellulari, li fil-kaz ta' Leon Schiavone hallas il-prezz ta' 20 ewro meta stqarr mal-appellant li ma kellux bizzejjed flus biex ihallsu l-prezz li tallbu (li *del resto* ukoll kien wiehed baxx) u l-appellant xortawahda accetta l-prezz ridott.

Illi meta rinfaccjat b'dawn il-fatti probatorji, l-appellant ma joffri l-ebda spjegazzjoni dwar il-mod kif dawn ic-cellulari wasslu fil-pussess tieghu, pussess li, kif inghad, gie stabbilit mix-xiehda moghtija minn Leon Schiavone u Maverick Zammit. Illi allura l-Qorti ma tistax issib l-ebda mottiv li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u ghalhekk l-aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-mertu qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tal-appellant din kienet waħda eċċessiva u sproporzjonata. Mill-qari tas-sentenza impunjata ghandu johorg illi l-Ewwel Qorti ħadet qies tal-preċedenti penali tal-appellant li jinkludu dawk marbuta mar-reat tas-

serq, kif ukoll hadet kont tal-fatt illi l-appellant diga' ingħata' diversi opportunitajiet mill-qrati taghna sabiex jitbieghed mill-hajja tal-kriminalita', madankollu jidher illi hu naqas milli jagħmel dan. Illi din il-Qorti kellha wkoll l-opportunita' illi tisma' d-deposizzjonijiet ta' Matthew Fleri Soler illi segwa lill-appellant fuq Ordni ta' Probation, kif ukoll lil Reuben Andre Degabriele li xehed in rappreżentanza tal-Caritas Malta. Minn din ix-xiehda jirrizulta illi l-appellant kellu problema akuta ta' abbuz ta' droga tul is-snin u minn eta' relattivament żgħira. Jidher madankollu illi ghalkemm l-appellant ghamel zmien juri interess sabiex johrog minn dan il-vizzju u jirriforma hajtu, madanakollu xortawahda ma kienx kapaci izomm ruhu 'il boghod milli jikkometti offizi godda u anke spicca inkarcerat.

Illi huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda fil-parametri tal-ligi. Illi huwa indubitat ukoll illi dawn ir-reati illum taht il-lenti tal-Qorti gew kommessi fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza oltra ghal fatt illi l-appellant huwa recediv. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda mottiv li jista' iwassal lil din il-Qorti tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Imhallef